SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 12 T’OTTUBRU 2001

Avviz numru 327/01DM

Mirage Holdings Limited

Vs

Mario Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta’ mitejn u sitta u sittin liri Maltin (Lm266.00) dovuta minnhom inkwantu ghas-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) bhala import ta’ tmien kambjali ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull wahda anessi u mmarkati minn dokument 1 sa dokument 8 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, inkwantu ghas-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) prezz ta’ merci lilu kkonsenjati u mibjugha u inkwantu ghal sittax il-lira Maltin (Lm16) bhala imghaxijiet legali dovuti sas-17 t’April tas-sena 2001.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mis-17 t'April tas-sena 2001 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti ossia il-kambjali originali esebiti.

Billi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u qieghda tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi s-somma mitluba ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltin (Lm266.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) b'effett mit-18 t'April tas-sena 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg